BIRGU

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**


21 t'April, 2012

# Minuti tal-laqgha 02(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal laqgha numru 02(06) fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar l-Erbgha 11 t'April, 2012 fis-6:30 ta' filghaxija.

## Prezenti

Is-sur John Boxall, Sindku, Is-Sur Trevor Mizzi Vici Sindku, s-sur Anton Gellel, Kunsillier u s-Sur Lawrence Attard, Kunsillier.

Il-Kunsillier Alan Cassar nghaqqad ghal laqgha fi 7:50 ta' filghaxija

## Talba.

Is-sur John Boxall, qal it-talba u tah bidu ghal laqgha.

## 1. Qari u Approvazjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgha 01(06) ittiehdu bhala moqrija.

## 2. Korrispondenza

2.1 Ittra lil Ambaxxatur Franciz ghal Malta

Is-Sindku s-Sur John Boxall, ipprezenta ittra mibghuta lil Eccelenza Tieghu, s-Sur Michael Vandepoorter, Ambaxxatur Franciz ghal Malta, fejn ghan-nom tal-Kunsill, filwaqt li ferahlu ghal hatra tieghu, stiednu sabiex f'data u hin konvenjenti ghalih, jaghmel zjara ufficjali fil-Berga ta' Franza, l-unika wahda li hawn fil-Gzejer Maltin.

2.2 Il-Konferenza tal-progett SECRET f'Malta

Is-Sindku s-sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera bil-progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea, li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jinsab imsieheb fih, il-progett SECRET. Barra min hekk is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-konferenza li jmiss ta' dan il-progett, bejn il-11 u t-13 ta' Mejju, 2012, ser issir il-Birgu, propjament fil-Berga ta' Franza. Is-Sindku spjega li l-preparamenti ghal din il-konferenza diga qeghdin isiru u nforma lil Kunsilliera li ghal din il-konferenza ser titella' esebizzjoni msejha **" Exhibition Participation With Joint Project Stand"**. Hawnhekk hu pprezenta kwotazzjoni mibghuta mis-sru Melvin Degiorgio ghal 6 *photo enlargerments* ghal prezz ta' € 390. Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din il-kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex ghal ftuh ta' din il-konferenza u l-esebizzjoni, il-Kunsill Lokali tal-Birgu jistieden lil Onorevoli Dr. Carm Mifsud Bonnici, Ministru ghal Kunsilli Lokali flimkien mal-Onorevoli Dr. Mario DeMarco, Ministru ghat-Turizmu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Iz-zjara tad-Duka ta' Gloucester fil-Birgu

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li z-zjara tad-Duka ta' Gloucester fil-Birgu ser tkun nhar il-Hadd 15 t'April, 2012, fejn il-Vici Sindku u l-Kunsilliera ser jilqghu lil Eccelenza tieghu f'Couvre Porte, fl-10 ta' filghodu. Wara ser issir il-prezentazzjoni lid-Duka fil-Berga ta' l-Ingilterra. Is-Sindku heggeg lil kulhadd sabiex ikunu prezenti ghal din l-okkazzjoni.

2.4 Ix-xelters f'Couvre Porte

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera bis-sitwazzjoni tax-xelters f'Couvre Porte, u nforma lil Kunsilliera li l-Kummissarju ta' l-artijiet rega' gedded il-kuntratt tad-devluzzjoi ghal tlett snin ohra, jigifieri sal-25 ta' Frar, 2015.

2.5 Gurnata Kulturali Gewwa Ragusa

Is-Sindku pprezenta ittra minghad s-Sur Joe Micallef, ghan-nom tal-Kumpanija "Joe Micallef Travel", sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jorganizza gurnata kulturali gewwa Ragusa fi Sqallija. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghmel kuntatt ma' din l-agenzija, u jaghmel mezz sabiex jorganizza din il-gita fix-xahar ta' Mejju jew Gunju. Is-Sur Lawrence Attard, Kunsillier issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 L-Assocjazzjoni "ALDA"

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera dwar l-Assocjazzjoni ALDA, assocjazzjoni li l-Kunsill Lokali tal-Birgu huwa msieheb fiha. Hawnhekk, is-Sindku pprezenta korrispondenza fejn din l-assocjazzjoni tablet lil membri taghha, li jekk huma interessati jaghmlu l-kandidatura taghhom sabiex ikunu membri fil-bord ta' din l-assocjazzjoni. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jikseb l-informazzjoni kollha possibli dwar din l-kandidatura qabel ma ssir l-applikazzjoni biex il-Kunsill ikun membru fil-bord ta' din l-assocjazzjoni. Il-Kunsillier Anton Gellel, ssekodna u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Gbir ta' skart separat fil-Birgu

Is-Sindku s-Sur John Boxall, tah rendikont lil Kunsilliera dwar il-gbir ta' skart separat fil-Birgu. Is-Sindku spjega li bhalissa l-kumpanija responsabli mil-gbir ta' skart separt hija l-Kumpanija GreenPak. Wara diskussjoni, s-Sindku pprezenta proposta minghand il-Kumpanija Green MT. Wara diskussjoni, s-Sindku talab sabiex din il-kumpnaija bil-miktub tinforma lil Kunsill li l-skart jingabar mil-bring in sites, b'ingenji zghar, kif ukoll jinghataw kontenituri ghal l-iskola Primarju Santu Rokku u l-istess kumpanija tipprovdi kontenituri ghal Kunvent tas-Sorijiet tal-Klawsura ta' Santa Skolastika. Is-Sindku ppropona li jekk dan jinghata bil-miktub lil Kunsill, ghandha tkun din il-kumpanija li tintaghzel biex tibda taghmel dan ix-xoghol. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.8 Presentazzjoni tal-Budget ghas-sena Finanzjarja 2012

Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta ghal approvazzjoni tal-Kunsill il-budget ghas-sena finanzjarja 2012. Is-Sindku spjega, li dan kien diga gie pprezentat u approvat mil-Kunsill precedent izda, d-dipartiment tal-Kunsilli Lokali bghat revizjoni tal- budget annwali u ghaldaqstant, il-budget approvat kellhu jerga' jigi rivedut. Wara diskussjoni, is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill japprova dan il-budget pprezentat, il-Vici Sindku s-sur Trevor Mizzi ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Zvilupp ta' Gnien il-Kunsill, il-post maghruf bhala l-Foss.

Is-Sindku pprezenta ghal attenzjoni tal-Kunsilliera prezenti kopja tal-pjanti maghmula mil-Dipartiment tar-Restwar fi hdan l-Ministeru ghar-Rizorzi u l-Affarijiet Rurali, ghal l-izvillup ta' Gnien il-Kunsill, il-post maghruf bhala l-Foss.

2.10 Progett ta' pavimentar fiz-zona tal-Collachio u Misrah ir-Rebha.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera lis-Sur Ray Farrugia, Direttur Generali tad-Dipartiment tar-Restawr, informa lil Kunsill li nghatata l-*go ahead* min-naha tal-Ministeru tal-Finanzi biex tigi ppublikata t-tender ghal progett ta' pavimentar fiz-zona tal-Collachio u Misrah ir-Rebha.

2.11 Tabella minghajr permess mwahhla fl-entratura ta' Couvre Porte fil-Birgu

Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta kopja ta' ittra mibghuta lil MEPA, dwar rapport li sar min-naha tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, ghal tabella li twahhlet minghajr permess fl-entratura ewlenija ta' Couvre Porte, relatata mal-Muzew tal-Gwerra, mwehhla mil-Fondazzjoni Wirt Artna.

2.12 Talba ghal Railing mal-Mina l-Gdida

Is-Sindku pprezenta kopja tat-talba mibghuta lis-Sinjura Amanda Degiovanni, Perita responsabli mix-xoghlijiet li saru fuq il-Mina l-Kbira, fl-entratura tal-Birgu, sabiex, issir xi tip ta' railing, preferibilment bhal dak li diga hemm mad-dawra ta' Couvre Porte, liema railing huwa mehtieg peress li din l-area saret perikoluza. Is-Sindku zied jghid li hekk kif inhu, kull min irid jista' jidhol fil-propjeta ta' l-iscouts, b'konsegwenza li din l-area saret perikoluza ukoll ghat-tfal li jattendu l-iscouts. Permezz ta' railing f'din iz-zona zgur ser jigu evitati xi incidenti.

2.13 Approvazzjoni tas-Subsistance Allowance, ghal attendenza fil-Belt ta' Belvi fl-Italja

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu gie mistieden mil-Belt ta' Belvi li tinsab f'Sardegna fl-Italja, sabiex flimkien jibdew il-preparamenti biex issir gemellag bejn iz-zewg ibliet. Is-Sindku zied jghid li din il-Belt stiednet zewg persuni mil-Kunsill sabiex jzuru din il-Belt, u hu flimkien mas-Sinjura Moira Azzopardi, skrivana ma' l-istess Kunsill u responsabli min dan il-progett, ser jzuru dan il-villagg, bejn it-12 u s-17 t'April, 2012. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Hawnhekk, is-Sindku s-sur John Boxall, zied jghid li l-Kunsill Lokali tal-Birgu, beda l-preparamenti mehtiega sabiex bl-ghajnuna tal-MEUSAC, il-Kunsill japplika ghal progett fi hdan il-programm Youth in Action, sabiex flimkien mal-Belt ta' Belvi, tigi organizzata Youth Exchange, fejn zghazagh min din il-Belt ikollhom l-opportunita li jattendu ghal gimgha attivitajiet gewwa l-Belt tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.14 Konferenza tal-progett "Seatoland" gewwa Seville, fi Spanja

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera dwar il-progett Seatoland, parti minnhu iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea u li l-Kunsill Lokali tal-Birgu huwa membru fih. Is-Sindku zied jghid li bejn is-16 u s-17 ta' April, 2012, ser issir il-koferenza fi hdan dan il-progett gewwa Seville, fi Spanja. Is-Sindku zied jghid li ghal din il-konferenza ser jattendi huwa flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva, s-Sinjura Christine Bonello. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Hawnhekk, is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Fondazzjoni Temi Zammit ssottomettit progett fi hdan il-MEPA, sabiex issir *floating structure* fil-post maghruf bhala t-toqba, biex ikun possibli biex tieqaf id-dghajsa tal-pass.

2.15 Esebizzjoni mil-Kullegg Santa Margerita, Sekondarja Subien, Verdala.

Is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta mill-iskola Sekondarja tas-Subien ta' Verdala, fi hdan il-Kullegg Santa Margerita, fejn nfurmaw lil Kunsill Lokali tal-Birgu li hija x-xewqa ta' din l-iskola li titella' esebizzjoni b'ezebiti, ritratti etc, mtella' mil-istudenti ta' dan il-Kullegg dwar il-Kottonera. Barra min hekk, dan il-kullegg talab sabiex kull Kunsill johrog kontibuzzjoni ta' € 282 sabiex isiru *banners* li jissimbolizzaw lil Kottonera, liema banners, wara l-esebizzjoni jkunu propjeta tal-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din it-talba, l-Vici Sindku, s-Sur Tevor Mizzi ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.16 L-Assocjazzjoni Walled Towns Friendship Circle

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera dwar l-assocjazzjoni Walled Towns Friendship Circle, liema assocjazzjoni l-Kunsill Lokali tal-Birgu huwa msiehheb fih. Hawnhekk, is-Sindku pprezenta t-talba ta' din l-assocjazzjoni sabiex il-Kunsill ihallas l-mizata annwali ta' din l-assocjazzjoni , li tammonta is-somma ta' €140. Wara diskussjoni, s-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill ihallas din il-mizata. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Hawnhekk, is-Sindku nforma lil Kunsilliera li bejn l-10 u l-14 ta' Mejju, 2012, din l-assocjazzjoni ser ikollha l-konferenza annwali gewwa Malta, liema konferenza ser tkun

organizzata flimkien mal-Belt Valletta, il-Belt ta' l-Imdina, u l-Belt tar-Rabat Ghawdex. Is-Sindku, s-sur John Boxall, ippropona sabiex is-Sur Lawrence Attard, Kunsillier ikun responsabli hu min din l-konferenza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.17 Ghazla dwar is-sistema li l-Kunsill Lokali jixtieqU jhaddmu fil-lokal taghhom fir-rigward tal-asfaltar tal-kanali meta jsir ix-xoghol min-naha tal-WSC

Ittra mil-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn talbu lil Kunsilli Lokali jaghzlu liema sistema jixtieqU ihaddmu fil-lokal taghhom, fir-rigward tal-asfaltar tal-kanali meta jsir ix-xoghol min-naha tal-WSC. Is-Sindku zied jghid li l-ghazla hi li jew issir ix-xoghol tal-asfaltar tal-kanali mil-Kunsill Lokali skond il-ftehim bejn il-WSC u l-AKL, jew inkella, ix-xoghol tal-asfaltar issir mil-WSC minghajr mal-Kunsill Lokali jhallas xi spejjez involuti. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa li x-xoghol ta' l-asfaltar isir mil-Kunsill Lokali tal-Birgu skond il-ftehim bejn il-WSC u l-AKL. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.18 Jazz festival fil-Birgu

Is-Sindku pprezenta ittra mis-Sur Andrew Alamango fejn talab lil Kunsill Lokali tal-Birgu l-permess sabiex fi 22 ta' Lulju, 2012, fil-Waterfront fil-Birgu, tigi organizatta serata tal-Malta Jazz Festival, organizzat mil-Kunsill Malti ghal Kultura u l-Arti. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din it-talba u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.19 Attivita – "A bridal couture fashion show under the stars"

Talba minghand is-Sinjura Mary Grace Lynch u s-Sur Stephen Chircop, ghan-nom tal-kumpanija Dreemz Planners, sabiex titella' attivita bl-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu kif ukoll tal-Grand Harbour Marina, liema attivita tkun b'rizq l-*Community chest Fund.* Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.20 Stedina mil-Cottonera Forum

Is-Sindku s-sur John Boxall, pprezenta stedina li l-Kunsill ircieva minghand "Friends of Cottonera Forum" sabiex il-Kunsill jattendi ghat-tnehdija ta' dan il-forum li kellha ssir nhar is-Sibt 24 ta' Marzu, 2012 fil-Kazin tal-Banda San Gorg, Pjazza San Gorg, Bormla. Is-Sindku qal li din l-istedina waslet biss gurnata qabel u peress li hu kien msiefer u l-kunsilliera kienu mpenjati b'affarijiet ohra, kien impossibli ghal Kunsill biex jonoraw din l-istedina.

2.21 Skema dwar inizjattivi sportivi fil-lokalitajiet 2012

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera li ghas-sena 2012, il-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jibbenifika mil-ammont ta' € 4000, sabiex fil-lokalita tal-Birgu jigu organizzati attivitajiet sportivi fosthom l-attivita ta' l-After School Programme ghat-tfal li jattendu l-Iskola Primarja Santu Rokku, fil-Kullegg Santa Margerita

Hawnhekk, is-Sindku qal li l-istess Kunsill qed jitlob kwotazzjonijiet sabiex matul ix-xhur tas-sajf f'Couvre Porte tigi organizzata l-attivita taz-zumba.

2.22 Proposta mir-Rotary Club La Valette Malta

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti dwar il-proposta maghmula min-naha tar-Rotary Club La Valette, Malta, sabiex jirrestawraw kamra gewwa l-Berga ta' Franza, liema kamra tkun desponibbli ghal din l-assocjazzjoni. Barra min hekk, din l-assocjazzjoni tablet li jkollha access ghal uzu tas-Sala tal-Berga ta' Franza matul is-sena u filwaqt li l-Kunsill issugerixxa li l-uzu tas-sala tinghata b'kontribuzzjoni ta' € 300, din l-ghaqda ssugerit li tinghata donazzjoni ta' € 150. Wara diskussjoni, l-Kunsillier Anton Gellel, ssugerixxa li l-Kunsill m'ghandux jaccetta din l-offerta u ghandu jsostni li ghal kull darba li tintuza l-Berga ta' Franza ghanda tinghata donazzjoni. Is-Sindku s-sur John Boxall issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.23 <u>Sitwazzjoni tat-tindif fil-Birgu</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsill bis-sitwazzjoni prezenti tat-tindif fil-Birgu. Hawnhekk, is-Sindku qal li l-kuntrattur prezenti li minkejja il-ftehim li kien sar bejn iz-zewgt paritjiet, kien irraporta lil Kunsill Lokali tal-Birgu, ghal fatt li ghalkemm kien hemm ftehim bejn iz-zewg partijiet, il-Kunsill kien qed idum biex jaghmel pagament ghas-servizz lil din il-kumpanija. Barra min hekk, is-Sindku nforma lil Kunsill bl-ammont konsiderevoli ta' ilmenti li l-Kunsill kuljum jircievi dwar is-servizz mghoti min dan il-kuntrattur.

2.24 <u>Incidenti fiz-zona maghrufa bhala x-Xewkija</u>

Ittra mibghuta lil Onor. Ministru George Pullicino, Ministru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, dwar iz-zewg incidenti separati li sehhew fiz-zona maghrufa bhala x-Xewkia fil-konfini ta' bejn il-Kalkara u l-Birgu, fejn sfortunatament zewg karozzi biex jiskapulaw il-hofor li hemm f'din iz-zona, spiccaw fil-bahar. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill Lokali tal-Birgu talab sabiex min-naha tal-Ministeru jintbaghtu nies biex jaraw il-hsara li hemm biex tkun tista' ssir manutenzjoni fit-triq f'din iz-zona, biex jigu evitati aktar incidenti.

2.25 <u>Berga ta' Franza</u>

Is-Sindku s-sur John Boxall, tah rendikont tax-xoghlijiet li qeghdin isiru fil-Berga ta' Franza, sabiex fl-iktar zmien possibli, jinfethu l-ufficini ta' dan il-Kunsill f'din il-binja. Is-Sindku pprezenta kopja ta' l-*invoices* kollha relatati max-xoghlijiet li saru fil-Berga ta' Franza, ghat-total ta' € 37,570.68, kif ukoll kopja tal-kwotazzjonijiet ghal xoghlijiet ohra li ghad iridu jsiru f'din il-binja sabiex tokkupa l-ufficini amministrattvi ta' dan il-Kunsill, ghal ammont ta' € 10,868.10, sabiex issir l-pagament dovut ghax-xoghlijiet min-naha tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku zied jghid li l-istess Kunsill ghadu qieghed jistenna risposta meta ser jintbaght dan il-finanzjament.

Hawnhekk, is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta lil Onorevoli Karm Mifsud Bonnici, fejn il-Kunsill informa lil Ministru ghall-Intern u l-Gvern Lokali , dwar it-talba mibghuta mil-MEPA, sabiex il-Kunsill ihallas l-ammont ta' €6659.70 in konnessjoni mal-applikazzjoni sabiex isiru alterazzjonijiet u retawr fil-Berga ta' Franza, biex din il-binja tibda tintuza bhala l-Ufficju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku qal li l-Kunsill ghadu minghajr risposta.Il-Kunsillier Anton Gellel, issugerixxa sabiex tintbaghat reminder u barra min hekk din il-korrispondenza tintbaghat ukoll lil Ministru Dr. Mario DeMarco, peress li l-Awtorita ta' l-Ippjanar, taqa' taht id-dekasteru tieghu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.26 Il-progett MedHiCEN, parti ffinanzjat mil-Unjoni Ewropea taht is-sejha MED

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu gie mistieden sabiex jissieheb, bhala *partner* fil-progett MedHiCEN, mir-*Regione del Veneto,* fl-Italja, liema progett jiffoka fuq *renewable energy* fi bliet storici mediterranji. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill ghandu juri l-interess biex jisseheb bhala *partner* f'dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.27 Vizita Pastorali tal-Eccelenza Tieghu, l-Arcisqof Pawlu Cremona, fil-Birgu.

Is-Sindku pprezenta stedina mil-Arcipriet ghal quddiesa koncelebrata mil-Arcisqof Pawlu Cremona, ghal nhar is-Sibt 21 t'April, 2012, fis-sitta ta' filghaxija, fil-Knisja Parrokjali fl-okkazzjoni tal-vizita pastoral ital-Eccelenza Tieghu. Is-Sindku heggeg sabiex il-Kunsilliera jattendu ghal din l-okkazzjoni.

2.28 Il-Programm Youth in Action iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea.

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, qal li l-Vici Sindku s-sur Trevor Mizzi, bl-ghajnuna ta' l-Agenzija MEUSAC, bdew il-preparamenti sabiex l-istess Kunsill japplika ghal Youth Initiative fi hdan il-programm Youth in Action iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea, fejn bl-ghajnuna ta' dan il-progett, jekk ikun approvat l-istess Kunsill ser ikun jista' jibbenifika l-ammont ta' € 5000.

2.29 *European Citizenship in Youth Training Course* gewwa l-Kroazja

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nformat lil Kunsill dwar *training course* li ser issir gewwa l-Kroazja ghaz-Zghazagh. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jinnomina lil Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi sabiex jattendi ghal dan it-training course. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.30 Kunsill Lokali taz-Zghazagh

Is-Sindku pprezenta l-applikazzjonijiet mahruga mil-Agenzija Zghazagh ghaz-zghazagh interessati li jaghmlu parti mil-Kunsill Lokali taz-Zghazagh ghal bejn Ottubru 2012 u Ottubru 2013. Is-Sindku heggeg lil Kunsilliera sabiex jekk ikunu jafu dwar xi zghazagh li jixtiequ jaghmlu parti min dan il-Kunsill japplikaw mil-aktar fis possibli.

2.31 Appell mil-Kumpanija EuroClean Ltd. ghal mghotija tat-tender ghal gbir ta' skart goff

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti dwar l-appell li sar mil-kumpanija EuroClean Ltd, ghal mghotija tat-tender ghal gbir ta' skart goff. Is-Sindku spjega s-sitwazjoni prezenti u qal li l-Kunsill ghadu qieghed jistenna risposta min-naha tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 3. Taghrif dwar zvillupi ta' Triq San Lawrenz

Is-Sindku s-Sur John Boxall, tah rendikont tas-sitwazzjoni tax-xoghlijiet li jridu jsiru fi Triq San Lawrenz, u nforma lil kunsilliera dwar l-izvillupi li saru sal-llum. Is-Sindku qal li l-Perita Charlene Bonnici, l-Perita responsabli mix-xoghlijiet f'din it-triq min-naha ta' l-Awtorita tat-

Trasport Malta, nfurmat lil Kunsill li jonqos isiru xi dislivelli u l-Awtorita ser tinforma lil Kunsill meta ser jinghata bidu tax-xoghlijiet f'din it-triq.

## <u>4. Kwotazzjoni/Tender ghat-tlugh u l-inzul tal-bandiera tal-Birgu fuq il-Mina l-Gdida</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku, ssugerixxa sabiex fuq il-Gazzetta tal-Gvern, tinhareg sejha ghal kwotazzjoni ghat-tlugh u l-inzul tal-bandiera tal-Birgu fuq il-Mina l-Gdida, liema dokument tal-kwotazzjoni tingabar mill-ufficini tal-Kunsill, ghal prezz ta' € 20. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## <u>5. Monument f'Gieh Mons. Arcisqof Mikiel Gonzi</u>

Is-Sindku qal li f'Dicembru ta' l-2011 gie avvicinat mis-Segretarju Privat tal-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi, s-Sur Charles Bonello, fejn ghan-nom ta' l-Onorevoli Prim Ministru, intweriet ix-xewqa, sabiex l-Kunsill Lokali tal-Birgu jaghti l-permess mehtieg min-naha tieghu biex fil-Belt tal-Birgu jsir Monument f'Gieh il-Mons. Arcisqof Mikiel Gonzi. Hawnhekk is-Sindku ssugerixxa li dan il-monument issir fil-vicinanza tal-Knisja Parrokjali, f'dik iz-zona li hija propjeta ta' l-istess Knisja. Is-Sindku kompla li biex issir dan irid jintalab peremss lil Kapitlu tal-Knisja ta' San Lawrenz. Wara diskussjoni, dwar dak propost, kien hemm qbil unanimu biex din it-talba tigi milqugha bil-permessa li l-Kunsill ma jkunx involut f'ispiza ta' dan il-monument.

## 6. <u>Affarijiet Ohra</u>

### 6.1 <u>Stedina mis-Sindku ta' St. Tropez</u>

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li s-Sindku ta' St. Tropez fi Franza ser jibghat invit lil Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jibdew il-preparamenti mehtiega biex issir gemellag bejn iz-zewg ibliet. Is-Sindku zied jghid li s-Sindku ta' St. Tropez stiednu biex flimkein ma' Kunsillier mil-Kunsill, fl-okazzjoni tar-Regatta "le trophee du Bailli de Suffren" li tinghata l-bidu min St. Tropez u tispicca fil-Birgu, ikunu prezenti ghal bidu ta' din it-tigrija gewwa din il-Belt. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex ghal din l-istedina ikun akkumpanjat mil-Kunsillier Anton Gellel. Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi, issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

### 6.2 <u>Kwotazzjoni ghal qtugh ta' haxix fil-Birgu</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill ser jitlob kwotazzjoni ghal qtugh ta' haxix fil-Birgu, peress li dan ix-xoghol mhux inkluz fit-tender tal-knis u tindif tat-toroq. Is-Sindku ssugerixxa, li l-Kunsill jmur ghal irhas offerta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

### 6.3 <u>Sotto-Kumitat ta' l-Anzjani</u>

Il-Kunsillier Lawrence Attard, talab l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, ghal membri tas-sotto-kumitat ta' l-anzjani. Is-Sur Attard, issugerixxa sabiex dan is-sotto kumitat ikun maghmul mins-Sur Emanuel Attard, is-Sur Joseph Ciantar, is-Sur Joseph Pisani, is-Sinjura Miriam DeRaffaele, is-Sinjura Miriam Grech, is-Sinjura MaryGrace Gatt, is-Sinjura Rosie Zammit u s-Sinjorina Rita Cassar. Is-Sindku, s-sur John Boxall issekonda u talab ghal l-approvazjoni tal-Kunsilliera liema approvazzjoni giet unanimament approvata.

6.4 Performance Bonus tas-Segretarja Ezekuttiva

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li sfortunatament l-Kunsill precedent kien baqa' ma ddiskuttix l-Performance Bonus tas-Segretarja Ezekuttiva. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill Lokali tal-Birgu japprova 10% performance bonus lis-Segretarja Ezekuttiva. Il-Vici Sindku Trevor Mizzi, ssekonda dan is-suggeriment u gie approvat unanimament

Hawnhekk, is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaggorna u ssir kontinwazzjoni ta' din il-laqgha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-Laqgha ntemmet fi 9:30 ta' filghaxija u gie deciz li l-kontinwazzjoni ta' din il-laqgha issir nhar il-Gimgha 20 t'April, 2012.

______________________________ ______________________________

Christine Bonello — ikkonfermati — John Boxall
Segretarja Ezekuttiva — Sindku